

Brussell, 12 ta' April 2024
(OR. en)

8868/24

ECOFIN 443
UEM 91
FIN 374
CADREFIN 77

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) - Evalwazzjoni ta' Nofs it-Terminu 2024 – Konklużjonijiet tal-Kunsill (12 ta' April 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) - Evalwazzjoni ta' Nofs it-Terminu 2024, approvati fil-laqgħa tal-Kunsill (ECOFIN) li saret fit-12 ta' April 2024.

FAĊILITÀ GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA (RRF)

EVALWAZZJONI TA' NOFS IT-TERMINU 2024

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JILQA' l-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) f'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament 2021/241.
2. JENFASIZZA r-rwol ċentrali tal-RRF fil-kuntest tan-Next Generation EU frispons komuni, eċċezzjonali u temporanju għall-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali mill-pandemija tal-COVID-19. JIRRIKONOXXI r-rwol tal-RRF fl-appoġġ għall-irkupru ekonomiku, fit-titjib tar-reżiljenza u l-fiduċja, u fl-istabbilizzazzjoni tal-aspettattivi tas-suq.
3. JIRRIKONOXXI l-kontribut pożittiv tal-RRF għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali u prioritajiet oħra tal-UE u JINNOTA l-inċentiv biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs), b'mod partikolari permezz ta' aċċellerazzjoni tar-riformi strutturali. JIRRIKONOXXI l-flessibbiltà provduta mill-RRF fir-rispons għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu u l-importanza tal-kapitoli tar-REPowerEU, li żdiedu b'rispons għall-kriżi tal-enerġija li rriżultat mill-aggressjoni mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-implimentazzjoni rapida tagħhom.

4. JAQBEL li n-natura u t-twaqqit ta' dan ir-rapport waslu kmieni wisq biex ir-rapport ikun jista' jwassal evalwazzjoni tal-impatt sħiħa tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, jiġifieri dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, il-kompetittività, il-produttività u t-tkabbir potenzjali, fost affarijiet oħra. JIRRIKONOXXI l-valutazzjoni tal-Kummissjoni f'termini ta' eżiti inizjali pożittivi preliminari relatati mat-tkabbir ekonomiku u r-reżiljenza, l-impjiegi u l-investimenti. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tkompli tirfina l-ġhodod biex tivvaluta l-impatti makroekonomiċi ewlenin.
5. JIRRIKONOXXI li ż-żieda kbira fil-finanzjament tal-UE disponibbli biex jiġu appoġġjati l-investimenti permezz tal-RRF, flimkien ma' xokkijiet esterni, ħolqot sfida konsiderevoli fir-rigward tal-kapaċità ta' assorbiment fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali, inkluż fil-livell reġjonali u lokali.
6. JINNOTA l-piż amministrattiv sinifikanti relatat mal-implimentazzjoni tal-Faċilità fl-Istati Membri. JISTIEDEN lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tidentifika modi konkreti biex tissimplifika l-proċess ta' rappurtar, tevita d-duplikazzjoni u tnaqqas il-ħidma amministrattiva relatata mal-implimentazzjoni tal-istrument, fil-qafas tar-Regolament 2021/241, filwaqt li tiżgura l-protezzjoni adegwata tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

7. JIRRIKONOXXI n-natura innovattiva tal-RRF b'ħala strument ta' nfiq ibbażat fuq il-prestazzjoni. JILQA' l-fatt li l-RRF għandha l-għan li ssaħħaħ is-sjieda nazzjonali u li l-enfasi tal-istrument hija fuq it-twettiq u l-implimentazzjoni. JISSOTTOLINJA r-rwol ta' gwida f'waqtha u ċara mill-Kummissjoni sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u t-trattament ugwali fost l-Istati Membri.
8. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tkompli tislet tagħlimiet mill-implimentazzjoni tan-natura bbażata fuq il-prestazzjoni ta' dan l-istrument.
9. JIRRIKONOXXI s-sorveljanza multilaterali bir-reqqa mwettqa fl-adozzjoni tal-pjanijiet u r-reviżjonijiet tagħhom u fil-valutazzjoni tat-talbiet għal pagament ippreżentati mill-Istati Membri. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbu d-diskussjonijiet bilaterali tekniċi lejn il-valutazzjoni tal-kisba tal-istadji importanti u l-miri, u b'hekk jagħmluhom aktar prevedibbli u effiċjenti.
10. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tal-istadji importanti u l-miri f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament 2021/241 u d-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tesplora modi biex tagħmel l-aħjar użu mill-flessibbiltà disponibbli fil-gwida tal-Kummissjoni, fil-limitu tar-Regolament u d-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

11. JIRRIKONOXXI r-rekwiżiti f'termini ta' Awditu u Kontroll, li jeżistu għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u JAPPELLA lill-awtoritajiet tal-awditu rilevanti biex jiżguraw l-armonizzazzjoni u l-proporzjonalità fil-prattiki tal-awditjar u biex jevitaw, permezz ta' koordinazzjoni aktar b'saħħha, trikkib bla bżonn fil-kontroll tal-kisba tal-istadji importanti u l-miri.
 12. JISSOTTOLINJA li t-tlestija rapida tal-investimenti u r-riformi sa Awwissu 2026 tibqa' kruċjali biex tinkiseb l-implimentazzjoni sħiħa tal-Faċilità. JISTENNA B'INTERESS l-evalwazzjoni finali tal-RRF prevista fir-Regolament 2021/241 fl-2028, biex jiġi vvalutat l-impatt sħiħ tal-RRF.
-